

32004L0069

28.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 125/44

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/6/KE**tas-27 ta' April 2004****li temenda d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni tal-“banek multilaterali ta' l-iżvilupp”****(Test b'relevanza ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tal-kummerċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u partikolarment il-ħames inċiż ta' l-Artikolu 60(1) tagħha,

L-Artikolu 1 (19) tad-Direttiva 2000/12/KE huwa mibdul b'dan li ġej:

Billi:

“19. ‘banek multilaterali ta' l-iżvilupp’ għandha tfisser il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali, il-Bank Inter-Amerikan ta' l-Iżvilupp, il-Bank Ażjatiku ta' l-Iżvilupp, il-Bank Afrikan ta' l-Iżvilupp, il-Fond tal-Kunsill ta' l-Ewropa għal Twettieq mill-Ġdid, il-Bank Nordiku ta' l-Investment, il-Bank Kari-bew ta' l-Iżvilupp, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Fond Ewropea ta' l-Investment, il-Korporazzjoni Inter-Amerikana ta' l-Investment u l-Aġenzija Multilaterali tal-Garanzija ta' l-Investment;”

(1) L-Artikolu 1(19) tad-Direttiva 2000/12/KE jiddefinixxi “banek multilaterali ta' l-iżvilupp” b'manjiera ennumerata.

Artikolu 2

(2) F'ittra ta' Novembru 2002, l-Aġenzija tal-Garanzija ta' l-Investment Multilaterali (MIGA) talbet li tkun inkluża fil-lista ta' l-Artikolu 1(19) tad-Direttiva 2000/12/KE.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004. Għandhom minnufih jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni.

(2) MIGA hija membru tal-Grupp tal-Bank Dinji. MIGA tiprovdi garanziji għall-investituri tas-settur privat kontra riskji mhux-kummerċjali u, partikolarment, ir-riskju tat-telf, skond kriterja kjarment definita, li tirriżulta minn nuqqas ta' konvertibilità tal-munita u t-trasferiment, l-esproprijazzjoni, gwerri jew disturbi ċivili, u l-ksur tal-kuntratt minn entità governattiva. L-iskop tal-MIGA huwa li thegħeġ l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi membri tagħha li għandhom jżviluppaw billi tinkorraġixxi l-istabbiliment, l-espanzjoni u l-modernizzazzjoni ta' l-impriżi privati - u speċifikament ta' l-impriżi ta' daqs żgħir jew medju, hekk li tikkomplementa l-attivajiet tal-membri l-oħrajn tal-Grupp tal-Bank Dinji.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

(4) MIGA għandha profil ta' riskju ekwivalenti għall-banek multilaterali ta' l-iżvilupp ennumerati fl-Artikolu 1(19) tad-Direttiva 2000/12/KE u hija għalhekk eliġibbli sabiex tkun inkluża fl-Artikolu 1(19) u b'konsegwenza tgawdi mill-peżar tar-riskju preferenzjali kif stabbilit fl-Artikolu 43 tad-Direttiva 2000/12/KE.

Dan id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat meħtieġ li jgħin lill-Kummissjoni skond il-proċeduri stabbiliti bl-Artikolu 60(2) tad-Direttiva 2000/12/KEE,

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 126, tas-26.5.2000, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/87/KE (ĠU L 35, tal-11.2.2002, p. 1).